

DEĊIŻJONI (UE) 2019/45 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**tad-29 ta' Novembru 2018****li tistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għal trasferimenti ta' ishma fil-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew bejn il-banek ċentrali nazzjonali u għall-aġġustament tal-kapital imħallas u li tirrevoka d-Deċiżjoni BĊE/2013/29 (BĊE/2018/29)**

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 28.5 tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni (UE) 2019/43 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2018/27) ⁽¹⁾ tipprovdi għall-aġġustament tal-ponderazzjonijiet assenjati lill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) fl-iskema għas-sottoskrizzjoni għall-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) (iktar 'il quddiem "il-ponderazzjonijiet tal-iskema tal-kapital" u "l-iskema tal-kapital" rispettivament). Dan l-aġġustament jirrikjedi li l-Kunsill Governattiv jiddetermina t-termini u l-kundizzjonijiet għal trasferimenti ta' ishma fil-kapital bejn il-BĊNi li huma membri tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) fil-31 ta' Diċembru 2018 sabiex jiżgura li d-distribuzzjoni ta' dawn l-ishma tikkorrispondi għall-aġġustamenti magħmula. Bl-istess mod, hija meħtieġa l-adozzjoni ta' deċiżjoni ġdida li tirrevoka d-Deċiżjoni BĊE/2013/29 ⁽²⁾ b'effett mill-1 ta' Jannar 2019.
- (2) Id-Deċiżjoni (UE) 2019/44 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2018/28) ⁽³⁾ tiddetermina kif u sa fejn il-BĊNi tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (iktar 'il quddiem "BĊNi taż-żona tal-euro") huma obbligati jħallsu l-kapital tal-BĊE fid-dawl tal-iskema tal-kapital aġġustata. Deċiżjoni (UE) 2019/48 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2018/32) ⁽⁴⁾ tiddetermina l-perċentwal li l-BĊNi tal-Istati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro (iktar 'il quddiem "BĊNi li mhumiex fiż-żona tal-euro") huma obbligati jħallsu b'effett mill-1 ta' Jannar 2019 fid-dawl tal-iskema tal-kapital aġġustata.
- (3) Minħabba li kull BĊN taż-żona tal-euro diġà ħallas is-sehem sħiħ tiegħu fil-kapital sottoskritt tal-BĊE kif applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2018 taħt id-Deċiżjoni BĊE/2013/30 tal-Bank Ċentrali Ewropew ⁽⁵⁾, u f'dak li jirrigwarda lil Lietuvos bankas, taħt l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni (UE) 2015/287 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2014/61) ⁽⁶⁾, flimkien mad-Deċiżjoni BĊE/2013/31 ⁽⁷⁾, kull BĊN taż-żona tal-euro għandu jew jittrasferixxi ammont addizzjonali lill-BĊE, jew jirċievi ammont lura mingħand il-BĊE, skont il-każ, sabiex jasal għall-ammonti murija fit-tabella fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (UE) 2019/44 (BĊE/2018/28).
- (4) Bl-istess mod, minħabba li l-BĊNi li mhumiex fiż-żona tal-euro diġà ħallsu perċentwal tal-ishma tagħhom fil-kapital sottoskritt tal-BĊE kif applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2018 taħt id-Deċiżjoni BĊE/2013/31, kull wieħed minnhom għandu jew jittrasferixxi ammont addizzjonali lill-BĊE, jew jirċievi ammont lura mingħand il-BĊE, skont il-każ, sabiex jasal għall-ammonti murija fit-tielet kolonna tat-tabella fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (UE) 2019/48 (BĊE/2018/32),

⁽¹⁾ Deċiżjoni (UE) 2019/43 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-29 ta' Novembru 2018 dwar l-ishma perċentwali tal-banek ċentrali nazzjonali fl-iskema għas-sottoskrizzjoni għall-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew u li tirrevoka d-Deċiżjoni BĊE/2013/28 (BĊE/2018/27) (ara paġna 178 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

⁽²⁾ Deċiżjoni BĊE/2013/29 tad-29 ta' Awwissu 2013 li tistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għal trasferimenti ta' ishma fil-kapital tal-BĊE bejn il-banek ċentrali nazzjonali u għall-aġġustament tal-kapital imħallas (ĠU L 16, 21.1.2014, p. 55).

⁽³⁾ Deċiżjoni (UE) 2019/44 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-29 ta' Novembru 2018 dwar il-ħlas tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, li temenda d-Deċiżjoni BĊE/2014/61 u tirrevoka d-Deċiżjoni BĊE/2013/30 (BĊE/2018/28) (ara paġna 180 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

⁽⁴⁾ Deċiżjoni (UE) 2019/48 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-30 ta' Novembru 2018 dwar il-ħlas tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-banek ċentrali nazzjonali li mhumiex fiż-żona tal-euro u li tirrevoka d-Deċiżjoni BĊE/2013/31 (BĊE/2018/32) (ara paġna 196 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

⁽⁵⁾ Deċiżjoni BĊE/2013/30 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-29 ta' Awwissu 2013 dwar il-ħlas fil-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-banek ċentrali nazzjonali ta' Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (ĠU L 16, 21.1.2014, p. 61).

⁽⁶⁾ Deċiżjoni (UE) 2015/287 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-31 ta' Diċembru 2014 dwar il-ħlas tal-kapital, it-trasferiment ta' assi ta' riżervi barranin u kontribuzzjonijiet minn Lietuvos bankas lir-riżervi u l-provvedimenti tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2014/61) (ĠU L 50, 21.2.2015, p. 44).

⁽⁷⁾ Deċiżjoni BĊE/2013/31 tat-30 ta' Awwissu 2013 dwar il-ħlas fil-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-banek ċentrali nazzjonali li mhumiex fiż-żona tal-euro (ĠU L 16, 21.1.2014, p. 63).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Trasferiment ta' ishma ta' kapital

Meta wieħed iqis is-sehem fil-kapital tal-BĊE li kull BĊN se jkun issottoskriva fil-31 ta' Diċembru 2018, u s-sehem fil-kapital tal-BĊE li kull BĊN sejssottoskrivi b'effett mill-1 ta' Jannar 2019 bħala konsegwenza tal-aġġustament tal-ponderazzjonijiet tal-iskema tal-kapital stabbiliti fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni (UE) 2019/43 (BĊE/2018/27), il-BĊNi għandhom jittrasferixxu l-ishma tal-kapital bejniethom permezz ta' trasferimenti mingħand u lill-BĊE biex jiġi żgurat li d-distribuzzjoni tal-ishma fil-kapital b'effett mill-1 ta' Jannar 2019 tikkorrispondi għall-ponderazzjonijiet aġġustati. Għal dan il-għan, bis-saħħa ta' dan l-Artikolu u mingħajr il-ħtieġa ta' aktar formalità jew att, kull BĊN għandu jitqies bħala li ttrasferixxa jew irċieva, b'effett mill-1 ta' Jannar 2019 is-sehem fil-kapital sottoskritt tal-BĊE muri ħdejn ismu fir-raba' kolonna tat-tabella fl-Anness I għal din id-Deċiżjoni, fejn "+" għandu jirreferi għal sehem fil-kapital li l-BĊE għandu jittrasferixxi lill-BĊN u "-" għal sehem fil-kapital li l-BĊN għandu jittrasferixxi lill-BĊE.

Artikolu 2

Aġġustament tal-kapital imħallas

1. Meta wieħed iqis l-ammont tal-kapital tal-BĊE li tħallas minn kull BĊN u l-ammont tal-kapital tal-BĊE li kull BĊN għandu jħallas b'effett mill-1 ta' Jannar 2019, skont l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (UE) 2019/44 (BĊE/2018/28) għall-BĊNi taż-żona tal-euro u l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (UE) 2019/48 (BĊE/2018/32) għall-BĊNi li mhumiex fiż-żona tal-euro, rispettivament, fl-ewwel jum ta' ħidma tas-Sistema Trans-European Automated Real-time Gross settlement Express Transfer (TARGET2) wara l-1 ta' Jannar 2019 kull BĊN għandu jew jittrasferixxi jew jirċievi l-ammont nett muri ħdejn ismu fir-raba' kolonna tat-tabella fl-Anness II għal din id-Deċiżjoni, fejn "+" għandu jirreferi għall-ammont li l-BĊN għandu jittrasferixxi lill-BĊE u "-" għal ammont li l-BĊE għandu jittrasferixxi lil dak il-BĊN.

2. Fl-ewwel jum ta' negozju tat-TARGET2 wara l-1 ta' Jannar 2019, il-BĊE jew il-BĊNi li huma obbligati jittrasferixxu ammont taħt il-paragrafu 1 għandhom kull wieħed jittrasferixxu b'mod separat kull imgħax li jiddekorri fuq l-ammonti rispettivi dovuti matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2019 sad-data tat-trasferiment. Dawk li jittrasferixxu u dawk li jirċievu dan l-imgħax għandhom ikunu l-istess bħal dawk li jittrasferixxu u dawk li jirċievu l-ammonti li fuqhom jiddekorri l-imgħax.

Artikolu 3

Dispożizzjonijiet ġenerali

1. It-trasferimenti deskritti fl-Artikolu 2 għandhom iseħħu permezz ta' TARGET2.
2. Fejn BĊN ma jkollux aċċess għal TARGET2, l-ammonti deskritti fl-Artikolu 2 għandhom ikunu trasferiti billi jiġi akkreditat kont li l-BĊE jew il-BĊN għandhom jinnominaw fiż-żmien dovut.
3. Kwalunkwe imgħax li jiddekorri skont l-Artikolu 2(2) ikkalkulat ta' kuljum, billi jintuża l-metodu ta' kalkolu attwali fuq 360 jum, b'rata ekwivalenti għall-aħħar rata ta' mgħax marġinali disponibbli użata mill-Eurosistema fis-sejħiet għall-offerti tagħha għal operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin.
4. Il-BĊE u l-BĊNi li huma obbligati li jwettqu trasferiment taħt l-Artikolu 2 għandhom, fiż-żmien dovut, jagħtu l-istruzzjonijiet meħtieġa biex debitament jeżegwixxu tali trasferiment fil-ħin.

Artikolu 4

Dħul fis-seħħ u revoka

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2019.

2. Id-Deċiżjoni BĊE/2013/29 hija rrevokata b'effett mill-1 ta' Jannar 2019.
3. Ir-referenzi għad-Deċiżjoni BĊE/2013/29 għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal din id-Deċiżjoni.

Magħmul fi Frankfurt am Main, id-29 ta' Novembru 2018.

Il-President tal-BĊE
Mario DRAGHI

ANNEX I

KAPITAL SOTTOSKRITT TAL-BĊNi

	Sehem sottoskritt fil-31 ta' Diċembru 2018 (EUR)	Sehem sottoskritt fl-1 ta' Jannar 2019 (EUR)	Sehem li jrid jiġi ttrasferit (EUR)
BĊN taż-żona tal-euro			
Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique	268 222 025,17	273 656 178,72	5 434 153,55
Deutsche Bundesbank	1 948 208 997,34	1 988 229 048,48	40 020 051,14
Eesti Pank	20 870 613,63	21 303 613,91	433 000,28
Central Bank of Ireland	125 645 857,06	127 237 133,10	1 591 276,04
Bank of Greece	220 094 043,74	187 186 022,25	- 32 908 021,49
Banco de España	957 028 050,02	902 708 164,54	- 54 319 885,48
Banque de France	1 534 899 402,41	1 537 811 329,32	2 911 926,91
Banca d'Italia	1 332 644 970,33	1 277 599 809,38	- 55 045 160,95
Central Bank of Cyprus	16 378 235,70	16 269 985,63	- 108 250,07
Latvijas Banka	30 537 344,94	29 563 094,31	- 974 250,63
Lietuvos bankas	44 728 929,21	43 938 703,70	- 790 225,51
Banque centrale du Lussemburgu	21 974 764,35	24 572 766,05	2 598 001,70
Bank Ċentrali ta' Malta	7 014 604,58	7 923 905,17	909 300,59
De Nederlandsche Bank	433 379 158,03	440 328 812,57	6 949 654,54
Oesterreichische Nationalbank	212 505 713,78	220 018 268,69	7 512 554,91
Banco de Portugal	188 723 173,25	177 172 890,71	- 11 550 282,54
Banka Slovenije	37 400 399,43	36 382 848,76	- 1 017 550,67
Národná banka Slovenska	83 623 179,61	86 643 356,59	3 020 176,98
Suomen Pankki	136 005 388,82	137 564 189,84	1 558 801,02
BĊNi li mhux fiż-żona tal-euro			
Българска народна банка (Bank Nazzjonali Bulgaru)	92 986 810,73	92 131 635,17	- 855 175,56
Česká národní banka	174 011 988,64	175 062 014,33	1 050 025,69
Danmarks Nationalbank	161 000 330,15	162 223 555,95	1 223 225,80
Hrvatska narodna banka	65 199 017,58	61 410 265,11	- 3 788 752,47
Magyar Nemzeti Bank	149 363 447,55	144 492 194,37	- 4 871 253,18
Narodowy Bank Polski	554 565 112,18	563 636 468,10	9 071 355,92

	Sehem sottoskritt fil- 31 ta' Diċembru 2018 (EUR)	Sehem sottoskritt fl- 1 ta' Jannar 2019 (EUR)	Sehem li jrid jiġi ttrasferit (EUR)
Banca Națională a României	281 709 983,98	264 887 922,99	- 16 822 060,99
Sveriges Riksbank	246 041 585,69	273 028 328,31	26 986 742,62
Bank of England	1 480 243 941,72	1 552 024 563,60	71 780 621,88
Total ⁽¹⁾:	10 825 007 069,61	10 825 007 069,61	0.00

(¹) Minħabba xi tqarrib, it-totali jistgħu ma jaqblux mas-somma tal-figuri kollha murija.

ANNEX II

KAPITAL IMĦALLAS TAL-BĊNI

	Sehem imħallas fil- 31 ta' Diċembru 2018 (EUR)	Sehem imħallas mill- 1 ta' Jannar 2019 (EUR)	Ammont ta' ħlas it- trasferit (EUR)
BĊN taż-żona tal-euro			
Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique	268 222 025,17	273 656 178,72	5 434 153,55
Deutsche Bundesbank	1 948 208 997,34	1 988 229 048,48	40 020 051,14
Eesti Pank	20 870 613,63	21 303 613,91	433 000,28
Central Bank of Ireland	125 645 857,06	127 237 133,10	1 591 276,04
Bank of Greece	220 094 043,74	187 186 022,25	- 32 908 021,49
Banco de España	957 028 050,02	902 708 164,54	- 54 319 885,48
Banque de France	1 534 899 402,41	1 537 811 329,32	2 911 926,91
Banca d'Italia	1 332 644 970,33	1 277 599 809,38	- 55 045 160,95
Central Bank of Cyprus	16 378 235,70	16 269 985,63	- 108 250,07
Latvijas Banka	30 537 344,94	29 563 094,31	- 974 250,63
Lietuvos bankas	44 728 929,21	43 938 703,70	- 790 225,51
Banque centrale du Lussemburgu	21 974 764,35	24 572 766,05	2 598 001,70
Bank Ċentrali ta' Malta	7 014 604,58	7 923 905,17	909 300,59
De Nederlandsche Bank	433 379 158,03	440 328 812,57	6 949 654,54
Oesterreichische Nationalbank	212 505 713,78	220 018 268,69	7 512 554,91
Banco de Portugal	188 723 173,25	177 172 890,71	- 11 550 282,54
Banka Slovenije	37 400 399,43	36 382 848,76	- 1 017 550,67
Národná banka Slovenska	83 623 179,61	86 643 356,59	3 020 176,98
Suomen Pankki	136 005 388,82	137 564 189,84	1 558 801,02
BĊN li mhux fiż-żona tal-euro			
Българска народна банка (Bank Nazzjonali Bulgaru)	3 487 005,40	3 454 936,32	- 32 069,08
Česká národní banka	6 525 449,57	6 564 825,54	39 375,97
Danmarks Nationalbank	6 037 512,38	6 083 383,35	45 870,97
Hrvatska narodna banka	2 444 963,16	2 302 884,94	- 142 078,22
Magyar Nemzeti Bank	5 601 129,28	5 418 457,29	- 182 671,99
Narodowy Bank Polski	20 796 191,71	21 136 367,55	340 175,84

	Sehem imħallas fil- 31 ta' Diċembru 2018 (EUR)	Sehem imħallas mill- 1 ta' Jannar 2019 (EUR)	Ammont ta' ħlas it- trasferit (EUR)
Banca Națională a României	10 564 124,40	9 933 297,11	- 630 827,29
Sveriges Riksbank	9 226 559,46	10 238 562,31	1 012 002,85
Bank of England	55 509 147,81	58 200 921,14	2 691 773,33
Total ⁽¹⁾:	7 740 076 934,57	7 659 443 757,27	- 80 633 177,30

⁽¹⁾ Minħabba xi tqarrib, it-totali jistgħu ma jaqblux mas-somma tal-figuri kollha murija.